# KODIĊI TA' PRATTIKA TAL-ISTATISTIKA EWROPEA

***Għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika u l-Eurostat (l-Awtorità tal-Istatistika tal-UE)***

Adottat
mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Is-16 ta' Novembru 2017

eurostat

SISTEMA
EWROPEA
TAL-ISTATISTIKA

Il-manuskritt tlesta f'Novembru 2017

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

Print
ISBN 978-92-79-80018-4
doi:10.2785/722039
KS-02-18-142-MT-C

PDF
ISBN 978-92-79-80042-9
doi:10.2785/87969
KS-02-18-142-MT-N

# KODIĊI TA' PRATTIKA TAL-ISTATISTIKA EWROPEA

## *Għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika u l-Eurostat (l-Awtorità tal-Istatistika tal-UE)*

Adottat
mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Is-16 ta' Novembru 2017

eurostat

SISTEMA EWROPEA TAL-ISTATISTIKA

# Preambolu

## Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea huwa l-pedament tal-qafas ta' kwalità komuni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Huwa strument awtoregolatorju bbażat fuq 16-il Prinċipju li jkopru l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi statistiċi u l-outputs tal-istatistika. Sett ta' indikaturi tal-aħjar prattiki u standards għal kull wieħed mill-Prinċipji jipprovdi gwida u referenza għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika, u b'hekk iżid it-trasparenza fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

L-awtoritajiet tal-istatistika, li jinkludu l-Awtorità tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (il-Eurostat), l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli mill-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, jimpenjaw ruħhom biex jaderixxu mal-Kodiċi ta' Prattika.

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika[1] (ESGAB, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord"), li huwa Bord Konsultattiv indipendenti, jipprovdi sorveljanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika. Kull sena l-Bord janalizza l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika mill-Awtorità tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (il-Eurostat), u l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika fit-totalità tagħha; jagħti wkoll pariri dwar miżuri xierqa biex l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tkun faċilitata, dwar il-komunikazzjoni tiegħu lill-utenti u lill-fornituri tad-*data* kif ukoll dwar kwalunkwe aġġornamenti possibbli tiegħu.

Din l-edizzjoni tal-2017 hija t-tieni reviżjoni tal-Kodiċi ta' Prattika, li oriġinarjament kien ġie adottat fl-2005. Għandha l-għan li tirrifletti l-aktar bidliet u innovazzjonijiet reċenti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika uffiċjali fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn, bħal pereżempju sorsi emerġenti ġodda ta' *data* , l-użu ta' teknoloġiji ġodda, il-modernizzazzjoni tal-qafas legali, u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika.

[1] Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika: http://ec.europa.eu/eurostat/web/esgab/introduction



Glossarju online bi spjega tat-termini ewlenin li jintużaw fil-Kodiċi ta' Prattika huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/overview.

## Il-qafas komuni ta' kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Il-qafas komuni ta' kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika huwa magħmul mill-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, il-Qafas tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u l-prinċipji ġenerali tal-immaniġġjar tal-kwalità (bħal interazzjoni fuq bażi kontinwa mal-utenti, impenji ta' tmexxija, sħubija, sodisfazzjon tal-persunal u titjib, integrazzjoni u armonizzazzjoni fuq bażi kontinwa).

Dan il-qafas komuni ta' kwalità awtoregolatorju jikkumplimenta l-qafas legali estensiv tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea, li joħroġ mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan jippermetti l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika u servizzi Ewropej ta' kwalità għolja f'qafas legali u ta' kwalità robust ħafna.

Fid-Dikjarazzjoni dwar il-Kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, li hija inkluża aktar 'l quddiem f'dan il-fuljett, tintwera is-sensibbiltà dwar il-kwalità li teżisti fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u l-impenn tal-membri kollha tagħha lejn l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika u servizzi Ewropej ta' kwalità għolja bl-għan li l-utenti jiġu pprovduti b'valur b'mod sostenibbli.

SISTEMA
EWROPEA
TAL-ISTATISTIKA

# Dikjarazzjoni dwar il-kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESS) hija sħubija li fiha jikkooperaw l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ta' kull Stat Membru tal-UE u ta' kull pajjiż tal-EFTA. Flimkien, il-missjoni tagħna hija li nipprovdu informazzjoni statistika ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u li nagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għal kulħadd għat-teħid tad-deċiżjonijiet, għar-riċerka u għad-dibattitu.

Il-programm u l-prijoritajiet tal-istatistika Ewropea huma diskussi u maqbula mill-membri tal-ESS u l-aħħar deċiżjonijiet dwarhom jittieħdu b'mod demokratiku skont il-proċeduri leġiżlattivi Ewropej.

Aħna noperaw skont reġim legali strett[1], issupplimentat minn qafas ta' kwalità robust, awtoregolatorju u tal-ogħla livell, li s-sinsla tiegħu huwa l-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea[2]. Il-konformità tagħna mal-Kodiċi ta' Prattika hija vvalutata fuq bażi perjodika permezz ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u s-segwitu strett tal-azzjonijiet ta' titjib[3] identifikati.

Aħna naraw il-kwalità bħala l-bażi tal-vantaġġ kompetittiv tagħna f'dinja li qed tesperjenza xejra li qed tikber ta' informazzjoni istantanja li ta' spiss ma jkollhiex il-provi tal-kwalità meħtieġa. Ix-xogħol tagħna huwa rregolat mill-indipendenza professjonali, mit-trattament imparzjali tal-utenti kollha tagħna, mill-oġġettività, mill-affidabbiltà, mill-kunfidenzjalità statistika u mill-kosteffettività. L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika tagħna huma bbażati fuq metodoloġiji sodi, fuq l-aqwa standards internazzjonali u fuq proċeduri xierqa li huma dokumentati tajjeb u b'mod trasparenti. Il-prinċipji ta' kwalità tagħna huma: ir-rilevanza, l-akkuratezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, kif ukoll il-kumparabbiltà u l-koerenza.

Aħna dejjem infittxu li nnaqqsu kemm jista' jkun il-piż fuq ir-rispondenti tagħna, li nrawwmu kooperazzjoni tajba mal-fornituri tad-*data* u li nikkooperaw mill-qrib mal-gruppi tal-partijiet interessati inklużi l-komunitajiet xjentifiċi.

Aħna impenjati li nwasslu l-eċċellenza statistika billi nidentifikaw b'mod sistematiku l-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa tagħna, kif ukoll ir-riskji relatati li aħna nqisu kif dovut permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-qafas ta' kwalità komuni tagħna. Bil-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-kumpilazzjoni kontinwi ta' indikaturi ġodda, aħna mhux biss intejbu l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi tagħna, iżda nippruvaw nantiċipaw ukoll il-fenomeni u l-ħtiġijiet emerġenti mal-utenti tagħna.

**Il-Kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika**
**u d-Direttur Ġenerali tal-Eurostat**

---

[1] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C:2016:202:FULL&from=MT u r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/759: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:02009R0223-20150608&from=MT

[2] Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea: https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/ac49217e-d154-11e5-a4b5-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF u l-Qafas tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ESS: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4392716/ESS-QAF-V1-2final.pdf/bbf5970c-1adf-46c8-afc3-58ce177a0646

[3] L-ewwel u t-tieni ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-ESS: http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/first-round-of-peer-reviews u http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/peer-reviews

## Ambjent Istituzzjonali

Il-fatturi istituzzjonali u organizzazzjonali għandhom influwenza sinifikanti fuq l-effettività u l-kredibbiltà ta' awtorità statistika li tiżviluppa, tipproduċi u tiddissemina l-Istatistika Ewropea. Il-Prinċipji rilevanti huma l-indipendenza professjonali, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni, il-mandat għall-ġbir tad-*data*, l-adegwatezza tar-riżorsi, l-impenn għall-kwalità, u l-kunfidenzjalità, l-imparzjalità u l-oġġettività fl-istatistika.

### IL-PRINĊIPJU 1

**Indipendenza Professjonali**

**L-indipendenza professjonali tal-awtoritajiet tal-istatistika minn korpi u dipartimenti ta' politika, regolatorji jew amministrattivi oħra, kif ukoll mill-operaturi tas-settur privat, tiżgura l-kredibbiltà tal-Istatistika Ewropea.**

INDIKATUR

**1.1** L-indipendenza tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u l-Eurostat minn interferenzi politiċi u interferenzi esterni oħrajn fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika tkun speċifikata fil-liġi u żgurata għal awtoritajiet tal-istatistika oħrajn.

**1.2** Il-kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Eurostat u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-awtoritajiet tal-istatistika oħrajn jkollhom pożizzjoni ġerarkika għolja biżżejjed sabiex jiżguraw l-aċċess għal-livelli l-aktar għolja lill-awtoritajiet ta' politika u l-korpi pubbliċi amministrattivi. Dawn ikunu tal-ogħla kalibru professjonali.

**1.3** Il-kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Eurostat u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-awtoritajiet tal-istatistika oħrajn ikollhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-istatistika tiġi żviluppata, prodotta u disseminata b'mod indipendenti.

**1.4** Il-kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Eurostat u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-awtoritajiet tal-istatistika oħrajn ikollhom ir-responsabbiltà unika li jiddeċiedu dwar il-metodi, l-istandards u l-proċeduri tal-istatistika, u dwar il-kontenut u l-iskedar tar-rilaxxi tal-istatistika.

**1.5** Il-programmi ta' ħidma tal-istatistika jiġu ppubblikati u l-progress li jkun sar jiġi deskritt f'rapporti perjodiċi.



**1.6** L-isqarrijiet tal-istatistika jkunu distinti sew u jinħarġu separatament minn stqarrijiet politiċi/ta' politika.

**1.7** L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Eurostat u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-awtoritajiet tal-istatistika oħrajn jikkummentaw pubblikament dwar kwistjonijiet relatati mal-istatistika, inklużi kritiki u użi skorretti tal-istatistika sa fejn meqjus xieraq.

**1.8** Il-proċeduri għar-reklutaġġ u l-ħatra tal-kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Eurostat u, fejn xieraq, tal-kapijiet tal-istatistika tal-awtoritajiet tal-istatistika oħrajn, ikunu trasparenti u bbażati fuq kriterji professjonali biss. Ir-raġunijiet skont liema tista' tintemm il-kariga jkunu speċifikati fil-qafas legali. Dawn ma jistgħux jinkludu raġunijiet li jikkompromettu l-indipendenza professjonali jew xjentifika.

### PRINĊIPJU 1(a)

**Koordinazzjoni u kooperazzjoni**

**L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u l-Eurostat jiżguraw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fil-livell tas-sistema nazzjonali tal-istatistika u tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, rispettivament. L-awtoritajiet tal-istatistika jikkooperaw b'mod attiv fi ħdan is-sħubija tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, sabiex jiżguraw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea.**

INDIKATUR

**1(a).1** L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika jikkoordinaw l-attivitajiet tal-istatistika tal-awtoritajiet nazzjonali kollha l-oħra li jiżviluppaw, jipproduċu u jiddisseminaw l-Istatistika Ewropea. F'dan ir-rigward, dawn jaġixxu bħala l-uniku punt ta' kuntatt għall-Eurostat b'rabta ma' kwistjonijiet ta' statistika. Ikun hemm fis-seħħ leġiżlazzjoni u proċeduri definiti u stabbiliti sew għall-implimentazzjoni tar-rwol ta' koordinazzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew.

**1(a).2** Fejn meħtieġ, il-Kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika jipproduċu linji gwida nazzjonali biex tiġi żgurata l-kwalità fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fi ħdan is-sistema nazzjonali tal-istatistika; l-implimentazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata u rieżaminata.

**1(a).3** L-awtoritajiet tal-istatistika jżommu u jiżviluppaw b'mod kontinwu kooperazzjoni f'diversi livelli kemm ma' xulxin kif ukoll ma' korpi konsultattivi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u mal-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, ta' istituzzjonijiet akkademiċi u ta' korpi internazzjonali oħra, kif xieraq.

## IL-PRINĊIPJU 2

### Mandat ta' Ġbir ta' *Data* u ta' Aċċess għad-*Data*

**L-awtoritajiet tal-istatistika jkollhom mandat ċar biex jiġbru u jaċċessaw informazzjoni minn diversi sorsi ta' *data* għal finijiet ta' statistika Ewropea. L-amministrazzjonijiet, l-intrapriżi u l-untajiet domestiċi, u l-pubbliku inġenerali jistgħu jiġu mġiegħla bil-liġi biex, fuq talba tal-awtoritajiet tal-istatistika, jippermettu l-aċċess għad-*data* jew l-għoti tagħha għal finijiet ta' statistika Ewropea.**

INDIKATUR

**2.1** Il-mandat tal-awtoritajiet tal-istatistika biex jiġbru u jaċċessaw informazzjoni minn diversi sorsi ta' *data* għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea ikun speċifikat fil-liġi.

**2.2** L-awtoritajiet tal-istatistika bil-liġi jitħallew jaċċessaw *data* amministrattiva minnufih u mingħajr ħlas, sabiex jużawha għal finijiet ta' statistika. Huma jkunu involuti sa mill-bidu fit-tfassil, l-iżvilupp u l-waqfien tar-rekords amministrattivi, sabiex dawn isiru aktar xierqa għal finijiet statistiċi.

**2.3** Fuq il-bażi ta' att legali, l-awtoritajiet tal-istatistika jistgħu jisfurzaw risposta għall-istħarriġiet statistiċi.

**2.4** L-aċċess għal *data* oħra, bħal *data* miżmuma privatament, ikun faċilitat, filwaqt li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità tal-istatistika u l-protezzjoni tad-*data*.

## IL-PRINĊIPJU 3

### Adegwatezza tar-Riżorsi

**Ir-riżorsi disponibbli għall-awtoritajiet tal-istatistika jkunu biżżejjed sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istatistika Ewropea.**

INDIKATUR

**3.1** Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-istatistika, ikun hemm disponibbli riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi ta' daqs u kwalità xierqa.

**3.2** L-ambitu, id-dettall u l-kost tal-istatistika jkunu proporzjonati mal-ħtiġijiet.



**3.3** Ikunu jeżistu proċeduri għall-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni ta' talbiet għal statistika ġdida fir-rigward tal-kost tagħhom.

**3.4** Ikunu jeżistu proċeduri għall-valutazzjoni tal-ħtieġa kontinwa għall-istatistika kollha, sabiex jiġi evalwat jekk uħud minnha tistax titwaqqaf jew titnaqqas biex jinħelsu r-riżorsi.

## IL-PRINĊIPJU 4

### Impenn għall-Kwalità

**L-awtoritajiet tal-istatistika jimpenjaw ruħhom favur il-kwalità. Huma jidentifikaw, b'mod sistematiku u regolari, il-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa sabiex ikomplu jtejbu l-kwalità tal-proċessi u tal-output.**

INDIKATUR

**4.1** Il-politika tal-kwalità tkun definita u tkun disponibbli għall-pubbliku. Ikun hemm struttura organizzazzjonali u għodod fis-seħħ biex jittrattaw il-ġestjoni tal-kwalità.

**4.2** Ikun hemm proċeduri fis-seħħ għall-ippjanar, il-monitoraġġ u t-titjib tal-kwalità tal-proċessi statistiċi, inkluża l-integrazzjoni ta' *data* minn sorsi ta' *data* multipli.

**4.3** Il-kwalità tal-output tkun immonitorjata, ivvalutata fir-rigward ta' kompromessi possibbli u rrappurtata fuq bażi regolari skont il-kriterji tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea.

**4.4** Fejn ikun xieraq, isir rieżami regolari u fil-fond tal-outputs ewlenin tal-istatistika, bl-użu wkoll ta' esperti esterni.

## IL-PRINĊIPJU 5

### Kunfidenzjalità tal-Istatistika u Protezzjoni tad-*Data*

**Il-privatezza tal-fornituri tad-*data*, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li dawn jipprovdu, l-użu tagħha għal finijiet statistiċi biss u s-sigurtà tad-*data* jkunu garantiti bis-sħiħ.**

INDIKATUR

**5.1** Il-kunfidenzjalità tal-istatistika tkun garantita bil-liġi.

**5.2** Il-persunal mal-ħatra tiegħu jiffirma l-impenji ġuridiċi ta' kunfidenzjalità.

**5.3** Jingħataw penali għal kwalunkwe ksur intenzjonat tal-kunfidenzjalità tal-istatistika.

**5.4** Il-persunal jingħata linji gwida u struzzjonijiet dwar il-ħarsien tal-kunfidenzjalità tal-istatistika fil-proċessi statistiċi. Il-politika tal-kunfidenzjalità tiġi komunikata lill-pubbliku.

**5.5** Il-miżuri regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzazzjonali neċessarji jkunu fis-seħħ biex jipproteġu s-sigurtà u l-integrità tad-*data* statistika u tat-trażmissjoni tagħha, f'konformità mal-aħjar prattiki, mal-istandards internazzjonali, kif ukoll mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali.

**5.6** Japplikaw protokolli stretti għal utenti esterni li jaċċessaw mikrodata statistika għal finijiet ta' riċerka.

## IL-PRINĊIPJU 6

### Imparzjalità u Oġġettività

**L-awtoritajiet tal-istatistika jiżviluppaw, jipproduċu u jiddisseminaw l-Istatistika Ewropea b'rispett għall-indipendenza xjentifika u b'mod oġġettiv, professjonali u trasparenti fejn l-utenti kollha jiġu trattati b'mod ekwu.**

INDIKATUR

**6.1** L-istatistika tinħadem fuq bażi oġġettiva determinata minn kunsiderazzjonijiet tal-istatistika.

**6.2** L-għażliet tas-sorsi ta' *data* u l-metodi tal-istatistika kif ukoll id-deċiżjonijiet dwar id-disseminazzjoni tal-istatistika jkunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet tal-istatistika.

**6.3** L-erruri li jinsabu fi statistika pubblikata jiġu kkoreġuti mill-aktar fis possibbli u ppubbliċizzati.

**6.4** L-informazzjoni dwar is-sorsi ta' *data* u dwar il-metodi u l-proċeduri użati tkun disponibbli pubblikament.

**6.5** Id-data u l-ħin tal-istqarrijiet statistiċi jitħabbru minn qabel.

**6.6** Jinħareġ avviż fil-każ ta' reviżjonijiet jew bidliet kbar fil-metodoloġiji.



**6.7** L-awtoritajiet tal-istatistika jiddeċiedu b'mod indipendenti dwar il-ħin u l-kontenut tal-istqarrijiet tal-istatistika, filwaqt li jqisu l-għan tal-forniment ta' informazzjoni statistika kompluta u f'waqtha. L-utenti kollha jkollhom aċċess għall-istqarrijiet tal-istatistika fl-istess ħin. Kwalunkwe aċċess privileġġat lil utent estern għal materjal li jkun għadu ma ġiex rilaxxat ikun limitat, ġustifikat kif dovut, ikkontrollat u pubbliċizzat. F'każ ta' ksur, l-arranġamenti għar-rilaxx qabel il-ħin jiġu riveduti sabiex tiġi żgurata l-imparzjalità.

**6.8** Stqarrijiet statistiċi u dikjarazzjonijiet li jsiru matul konferenzi stampa jkunu oġġettivi u mhux partiġjani.

## Proċessi Statistiċi

Fil-proċessi użati mill-awtoritajiet tal-istatistika għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, jiġu osservati bis-sħiħ il-prattiki tajbin, il-linji gwida u l-istandards Ewropej u oħrajn internazzjonali, filwaqt li jsiru sforzi kostanti għall-ksib tal-innovazzjoni. Il-kredibbiltà tal-istatistika tiżdied permezz ta' reputazzjoni ta' ġestjoni tajba u effiċjenza. Il-prinċipji rilevanti jkunu metodoloġija soda, proċeduri statistiċi xierqa, oneru tar-risposta mhux eċċessiv u l-kosteffettività.

### IL-PRINĊIPJU 7
**Metodoloġija Soda**

**Metodoloġija soda ssejjes statistika ta' kwalità. Din tirrikjedi għodda, proċeduri u għarfien espert adegwati.**

INDIKATUR

**7.1** Il-qafas metodoloġiku kumplessiv użat fl-Istatistika Ewropea jsegwi standards, linji gwida u prattiki tajbin Ewropej u oħrajn internazzjonali, filwaqt li jsiru sforzi kostanti favur l-innovazzjoni.

**7.2** Ikun hemm proċeduri fis-seħħ li jiżguraw li l-kunċetti, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet standard u tipi oħra ta' standards jiġu applikati b'mod konsistenti fl-awtorità statistika kollha.

**7.3** Ir-reġistri u l-oqfsa użati għall-Istatistika Ewropea jiġu evalwati u aġġustati fuq bażi regolari skont il-bżonn sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' kwalità.

**7.4** Ikun hemm konkordanza dettaljata bejn is-sistemi nazzjonali tal-klassifikazzjonijiet u s-sistemi Ewropej korrispondenti.

**7.5** Jiġu reklutati persuni gradwati fid-dixxiplini akkademiċi rilevanti.

**7.6** L-awtoritajiet tal-istatistika jimplimentaw politika ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu għall-persunal tagħhom.

**7.7** L-awtoritajiet tal-istatistika jżommu u jiżviluppaw kooperazzjoni mal-komunità xjentifika sabiex jittejbu l-metodoloġija, l-effettività tal-metodi implimentati u sabiex meta jkun vijabbli jiġu promossi għodod aħjar.



### IL-PRINĊIPJU 8
**Proċeduri Statistiċi Xierqa**

**Proċeduri statistiċi xierqa, implimentati matul il-proċessi statistiċi, ikunu l-pedament ta' statistika ta' kwalità.**

INDIKATUR

**8.1** Meta l-Istatistika Ewropea tkun ibbażata fuq *data* amministrattiva u ta' tipi oħra, id-definizzjonijiet u l-kunċetti użati għal finijiet mhux statistiċi joqorbu sew lejn dawk mitluba għal finijiet statistiċi.

**8.2** Fil-każ ta' stħarriġiet statistiċi, il-kwestjonarji jiġu ttestjati b'mod sistematiku qabel il-ġbir tad-*data*.

**8.3** Il-proċessi statistiċi jiġu mmonitorjati u riveduti fuq bażi regolari skont il-bżonn.

**8.4** Metadata relatata mal-proċessi statistiċi tiġi ġestita tul il-proċessi statistiċi u tiġi disseminata kif xieraq.

**8.5** Ir-reviżjonijiet isegwu proċeduri standard stabbiliti sew u trasparenti.

**8.6** Isiru ftehimiet mad-detenturi ta' *data* amministrattiva u ta' *data* oħra, li jistipulaw l-impenn konġunt tagħhom fl-użu ta' din id-*data* għal finijiet statistiċi.

**8.7** L-awtoritajiet tal-istatistika jikkooperaw mad-detenturi tad-*data* amministrattiva u ta' *data* oħra fl-iżgurar tal-kwalità tad-*data*.

### IL-PRINĊIPJU 9
**Oneru tar-Risposta Mhux Eċċessiv**

**L-oneru tar-risposta ikun proporzjonat mal-ħtiġijiet tal-utenti u ma jkunx eċċessiv għar-rispondenti. L-awtoritajiet tal-istatistika jimmonitorjaw l-oneru tar-risposta u jistabbilixxu miri biex biż-żmien dan jitnaqqas.**

INDIKATUR

**9.1** Il-firxa u d-dettall tat-talbiet tal-Istatistika Ewropea jkunu limitati għal dak li huwa assolutament meħtieġ.

**9.2** L-oneru tar-risposta jinfirex kemm jista' jkun fuq il-popolazzjonijiet tal-istħarriġ u jkun immonitorjat mill-awtorità statistika.

9.3 Id-*data* mitluba lin-negozji tkun, safejn possibbli, disponibbli minnufih mill-kontijiet tagħhom u fejn possibbli jintużaw mezzi elettroniċi biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tagħha.

9.4 Fejn possibbli, jintużaw sorsi ta' *data* amministrattiva u ta' tipi oħra biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-talbiet għall-informazzjoni.

9.5 Filwaqt li josservaw ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-*data*, il-kondiviżjoni tad-*data* u l-integrazzjoni tad-*data* jiġu promossi biex l-oneru tar-risposta jitnaqqas kemm jista' jkun.

9.6 L-awtoritajiet tal-istatistika jippromwovu miżuri li jippermettu li s-sorsi tad-*data* jingħaqdu biex l-oneru tar-risposta jitnaqqas kemm jista' jkun.

## IL-PRINĊIPJU 10
### Kosteffettività
INDIKATUR Ir-riżorsi jintużaw b'mod effettiv.

10.1 L-użu tar-riżorsi mill-awtorità statistika jkun mmonitorjat permezz ta' miżuri interni u miżuri esterni indipendenti.

10.2 Il-potenzjal tal-produttività tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ikun qed jittejjeb għall-proċessi statistiċi.

10.3 Isiru sforzi proattivi biex jittejjeb il-potenzjal tal-istatistika ta' sorsi ta' *data* amministrattiva u ta' tipi oħra, u biex jiġi limitat l-użu ta' stħarriġiet diretti.

10.4 L-awtoritajiet tal-istatistika jippromwovu, jikkondividu u jimplimentaw soluzzjonijiet standardizzati li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza.



# Outputs Statistiċi

L-istatistika disponibbli tkun tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. L-istatistika tkun konformi mal-istandards Ewropej tal-kwalità u taqdi l-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej, tal-gvernijiet, tal-istituzzjonijiet ta' riċerka, tan-negozji u tal-pubbliku inġenerali. Il-kwalità tal-output titkejjel b'kemm l-istatistika tkun rilevanti, preċiża u affidabbli, f'waqtha, koerenti, kumparabbli bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi u b'kemm tkun disponibbli minnufih għall-utenti, jiġifieri l-Prinċipji tal-Outputs Statistiċi.

## IL-PRINĊIPJU 11
### Rilevanza
INDIKATUR L-Istatistika Ewropea tkun tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti.

11.1 Ikun hemm proċeduri fis-seħħ għall-konsultazzjoni tal-utenti, għall-monitoraġġ tar-rilevanza u tal-valur tal-istatistika eżistenti fir-rigward ta' kemm tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom, u għall-kunsiderazzjoni u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet emerġenti tagħhom. Tkun applikata l-innovazzjoni sabiex l-output tal-istatistika jkun jista' jittejjeb fuq bażi kontinwa.

11.2 Il-ħtiġijiet prijoritarji ikunu qed jiġu ssodisfati u riflessi fil-programm ta' ħidma.

11.3 Is-sodisfazzjon tal-utenti ikun immonitorjati fuq bażi regolari u jiġi segwit b'mod sistematiku.

## IL-PRINĊIPJU 12
### Akkuratezza u Affidabbiltà
INDIKATUR L-Istatistika Ewropea tkun rappreżentazzjoni akkurata u affidabbli tar-realtà.

12.1 Id-*data* sors, id-*data* integrata, ir-riżultati intermedji u l-outputs tal-istatistika jkunu vvalutati u vvalidati fuq bażi regolari.

12.2 Erruri ta' kampjunar u mhux tal-kampjunar jiġu mkejla u ddokumentati b'mod sistematiku skont l-istandards Ewropej.

12.3 Ir-reviżjonijiet jiġu analizzati fuq bażi regolari sabiex jittejbu d-*data* sors, il-proċessi statistiċi u l-outputs tal-istatistika.

## IL-PRINĊIPJU 13

### It-Tempestività u l-Puntwalità

L-Istatistika Ewropea tiġi rilaxxata f'waqtha u puntwalment.

INDIKATUR

13.1 It-tempestività tissodisfa l-istandards tar-rilaxx Ewropej u oħrajn internazzjonali.

13.2 Ħin standard ta' kuljum għar-rilaxx tal-istatistika jiġi stabbilit pubblikament.

13.3 Il-perjodiċità tal-istatistika tqis kemm jista' jkun ir-rekwiżiti tal-utenti.

13.4 Kull diverġenza mill-iskeda tal-ħin tad-disseminazzjoni tiġi pubbliċizzata bil-quddiem u tiġi spjegata, u wara tiġi stabbilita data ġdida għar-rilaxx.

13.5 Fejn ikun meqjus utli, jistgħu jiġu rilaxxati riżultati preliminari ta' akkuratezza u affidabbiltà aggregati aċċettabbli.

## IL-PRINĊIPJU 14

### Koerenza u Kumparabbiltà

L-Istatistika Ewropea tkun konsistenti internament u tul iż-żmien, u tkun kumparabbli bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi; ikun possibbli li jsir użu kombinat u konġunt ta' *data* relatata minn sorsi ta' *data* differenti.

INDIKATUR

14.1 L-istatistika tkun internament koerenti u konsistenti (jiġifieri l-identitajiet aritmetiċi u kontabilistiċi jiġu osservati).

14.2 L-istatistika tkun kumparabbli tul perjodu raġonevoli ta' żmien.

14.3 L-istatistika tkun ikkompilata fuq il-bażi ta' standards komuni fir-rigward tal-ambitu, id-definizzjonijiet, l-unitajiet u l-klassifikazzjonijiet fl-istħarriġiet u fis-sorsi ta' *data* differenti.

14.4 Statistika mis-sorsi ta' *data* differenti u ta' perjodiċità differenti tkun imqabbla u rikonċiljata.



14.5 Il-kumparabbiltà transnazzjonali tad-*data* tkun żgurata fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika permezz ta' skambji perjodiċi bejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika u sistemi oħrajn tal-istatistika. Jitwettqu studji metodoloġiċi f'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Eurostat.

## IL-PRINĊIPJU 15

### Aċċessibbiltà u Ċarezza

L-Istatistika Ewropea tkun ippreżentata f'forma ċara u li tinftiehem, tiġi rilaxxata b'mod adattat u konvenjenti u tkun disponibbli u aċċessibbli fuq bażi imparzjali bi metadata u gwida sustantivi.

INDIKATUR

15.1 L-Istatistika u l-metadata korrispondenti jkunu ppreżentati u arkivjati f'għamla li tiffaċilita interpretazzjoni adatta u paraguni sinifikattivi.

15.2 Is-servizzi tad-disseminazzjoni jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, metodi, pjattaformi u standards ta' *data* miftuħa moderni.

15.3 Fejn ikun vijabbli, jiġu pprovduti analiżijiet imfassla apposta u l-pubbliku jiġi infurmat.

15.4 L-aċċess għall-mikrodata jkun permess għal finijiet ta' riċerka u jkun soġġett għal regoli jew protokolli speċifiċi.

15.5 Il-metadata relatata mal-outputs tkun ġestita u disseminata mill-awtorità statistika skont l-istandards Ewropej.

15.6 L-utenti jinżammu infurmati dwar il-metodoloġija tal-proċessi statistiċi inkluż l-użu u l-integrazzjoni ta' *data* amministrattiva u ta' tipi oħra.

15.7 L-utenti jinżammu infurmati dwar il-kwalità tal-outputs tal-istatistika fir-rigward tal-kriterji tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea.

Għal aktar tagħrif dwar il-*Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea*
http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/overview
Posta elettronika: ESTAT-QUALITY@ec.europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet


Print KS-02-18-142-MT-C
PDF KS-02-18-142-MT-N